MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2006

Numru 647/2006

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Spiteri)
vs
Jihad Alloudami, iben
Mohammed Zaki, imwieled
is-Sirja fl-1 ta’ jannar, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-3 ta’ lulju, 2006 għal ħabta tal-11.00 a.m. fi Sliema Road, Gżira, dolozament, bil-ħsieb li jidrob u jikkaġuna feriti ta’ natura gravi lill-PS1268, PC648, PC1214, PC857 u PC99, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi xejjer b’sikkina fid-direzzjoni ta’ l-istess PC648, kif ukoll wabbad oġġetti tal-ħġieġ fid-direzzjoni ta’ PS1268, PC648, PC1214, PC99 u PC857 liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi permezz ta' vjolenza pubblika, kif ukoll inġurja u hedded bil-mewt lill-PS1268, PC648, PC1214, PC99 u PC857 u fixkilhom jew influwenzhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kellu fil-pussess u\jew taħt il-kontroll tiegħu arma regolari u cioe' sikkina bil-ponta u li taqta', kif ukoll żamm u ġarr l-istess arma li hija arma regolari mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi maħruġa minn uffiċjali pubbliċi nkarigati mill-ħarsien tal-liġi u fl-istess ħin irresista l-arrest ta' dawn l-istess uffiċjali billi ħarab mill-post imsemmi meta nħarġulu ordnijiet leġittimi sabiex jieqaf;
5. talli fl-istess data u lok għal ħabta tal-10.30 a.m. hedded bil-mewt lil Raymond Caruana mill-Gżira u lit-tifla tiegħu Rachel Fenech mill-Gżira wkoll;
6. talli fl-istess data u lok u fix-xhur ta' qabel din id-data hedded bil-mewt lil Stephen Micallef mill-Gżira, kif ukoll ikkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa.

Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni hawn fuq imsemmija u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imsemmi Jihad Alloudami b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-17 ta' lulju, 2006 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' awissu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 41, 216, 95, 96, 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13(1) tal-Kapitolu

66 tal-Liġijiet ta’ Malta.  Rat il-fedina penali netta ta’ l-imputat.  Tikkundannah għal piena ta’ tletin (30) ġurnata priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------